# Tifkiriet u Drawwiet ta' Tfuliti

## Kitba ta' Dun Anton Mallia Borg

**Lil Ħabibi Sandro Galan u lil martu Elaine f'jum it-tieġ tagħkom**

F'din il-kitba qed inniżżel dak kollu li niftakar fis-snin li għaddew. Dan qed nagħmlu mingħajr ma nikkonsulta kotba jew kitbiet li jagħtu bosta tagħrif ieħor fuq medda ta' madwar sebgħin sena. Iż-żminijiet jitbiddlu u magħhom drawwiet, metodi u stil ta' ħajja ma jibqgħux l-istess. Biex tkompli tagħqad fis-seklu li għadda u xejn anqas f'dak ta' warajh, il-bidla saret u qed issir b'ħeffa ta' l-għaġeb. Minħabba l-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni, radio, ġurnali, televiżjoni, internet, it-taħlit ta' nies kemm dawk niesna li jżuru pajjiżi oħra fl-Ewropa u f'kontinenti oħra, kif ukoll il-turisti u xejn anqas dawk li jiġu b'missjoni fil-gżejjer tagħna, jew barranin li jagħżlu li joqgħodu f'pajjiżna, qed ikunu fattur importanti. It-tieni gwerra dinjija kemm il-preparamenti tagħha u kemm is-snin u l-effetti ta' warajha kienu fattur importanti f'bidal li saret.

### A. Tfulija

L-ulied dejjem kienu l-għożża tal-familja. Il-ġenituri kienu jagħmlu ħilithom li jedukawhom mill-aħjar li jistgħu. Fi żmien qabel l-iskola ma kienet obbligatorja (1945) bosta ġenituri kienu jinsistu lil uliedhom iqabbduhom sengħa ma' xi mgħallem kapaċi. Il-bniet li fil-familja tagħhom ikun għad hemm ulied ċkejknin, mhux l-ewwel darba li jkunu mġegħla joħroġu mill-iskola biex igħinu fix-xogħol tad-dar u fit-trobbija ta' ħuthom. Il-kelma tal-ġenituri kellha piż, ukoll meta dawn jiġu biex jagħżlu l-istat ta' uliedhom. Jekk illum tant nagħtu mportanza lill-jeddijiet tat-tfal, fl-imgħoddi niftakar li meta jkunu jitkellmu l-kbar, it-tfal kienu jitwarbu. Ukoll jekk fi kju, wieħed kbir kien ikollu preferenza fuq it-tfal. Praspar ma naqsux, meta ma nispiċċawx ukoll b'mod traġiku bħal meta tifel ħataf arma tan-nar u spara għal ħuh u qatlu. Mhux qed insemmi ismu apposta.

L-ulied iltiema, meta ma kienux jiġu taħt il-kura ta' familjari, jew xi ruħ tajba oħra, kienu jdaħħluhom f-Istituti tal-Knisja, fejn kien jingħatalhom tagħlim li tant swielhom għall-ġejjieni tagħhom. Ħafna nies tas-sengħa, bħal stampaturi, mastrudaxxi, ħajjata, (bandisti) skrapa, ħarġu mill-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera u ta' San Patrick, li kellhom il-Boys' Brigade. Uħud minnhom ħaddnu wkoll l-Ordni ta' l-edukaturi tagħhom. L-istess jingħad għall-Istituti tal-bniet. Fil-Ħamrun u f'Santa Venera jissemmew l-Istituti Fra Diego, ta' Cini u ta' Bugeja. Spiss dawn kienu jiġu benefikati minn legati mgħollija lilhom f'testmenti minn qlub twajba. L-istess nies kienu jħallu legati taż-Żwieġ lil ċerti xebbiet b'ċerti preferenzi, bħal min jiġi minnhom, jew imwielda fir-raħal tagħhom u l-bqija.

Kienu jħalluli mpressjoni dawk is-srabet ta' tfal bl-istess uniformi, li konna naraw jew miexja fit-toroq, inkella meta jkunu mitluba mill-familjari ta' xi persuna mejta u kienu jingħatawlhom għotjiet ta' flus b'karita', biex jieħdu sehem fil-funerali, miexja wara t-tebut mid-dar tal-mejjet sal-knisja fejn isir is-servizz funebri. B'xorti tajba dawn inqatgħu fi żmien meta Dun Maurice Grech, kien inkarigat mill-Istituti tal-knisja f'Malta ħa din id-deċiżjoni.

### B Tagħlim u logħob

Għal dak li hu tagħlim, barra l-iskejjel tal-Knisja bħal San Alwiġi, fejn jistudjaw bosta professjonisti qabel daħlu l-Universita' Rjali ta' Triq San Pawl Valletta, kif ukoll dawk tal-Freres Gżira u Bormla (li kienu speċjalizzati fit-tħejjija ta' studenti biex jidħlu fl-iskola tad-Dockyard li kellha fama kbira taħt l-Armirall). Kien hemm ukoll il-Liċeo, (Belt Valletta) fejn kienu jidħlu ukoll bi scholarships, bosta subien oħra. Qabel ma daħal l-obbligu tat-Traning College ta' St. Michael għall-għalliema

ġuvintur, immexxi minn membri ta' l-Ordni ta' San Ġwann Battista de la Salle u Mater Admirabilis College, immexxi minn Sorirjiet tas-Sacred Heart għal għalliema bniet, il-għażla ta' l-għalliema kienet issir fuq bażi anqas professjonali. Kien hemm ukoll it-Technical Schools fejn kienet tingħata istruzzjoni orjentata għas-snajja. Is-Seminarju Minuri kien iħejji lil dawk li kien ikollhom ħajra għas-saċerdozju. Bosta tfal kienu jiġu mħajra mill-ġenturi biex jitgħallmu jdoqqu strument tal-banda. Iż-żewġ każini kien ikollhom bosta allivi tfal. Is-surmastrijiet kienu jieħdu paċenzja igħallmuhom. Jien ukoll kont bdejt nitgħallem, ida qtajt qalbi meta bdejt l-ewwel lezzjonijiet tas-solfeġġ. Niftakar li l-Kantur ta' llum, il-kanonku Anton Mallia kien idoqq il-klarinett mal-banda.

## Istruzzjoni Reliġjuża tat-tfal

Għal dik li hi struzzjoni reliġjuża, qabel ma fetħu djar tad-Dutrina magħrufa fostna bħala Museum, (imwaqqfa uffiċjalment f'Malta, fl-1907), diġa' kellna f'Birkirkara l-Konfraternita' tad-Duttrina li kellha s-sede tagħha fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba. Fi tfuliti, (wara li fl-1910 inbena l-Oratorju San Domenico Savio, bl-inizjattiva ta' wieħed mill-kanoniċi tal-Kolleġġjata Dun Mikiel Sammut u bil-ġenerożita' tan-Nutar Michele Casolani u martur), it-tfal subien subien kull nhar ta' Ħadd kienu jittellgħu hemm għall-Quddiesa u l-attivitajiet reliġjużi u rikreattivi maħsuba għalihom. Il-bniet kienu jinġabru fil-Knisja ta' San Pawl il-Wied. Kienet għadha ma daħlitx id-drawwa li l-familja kollha tmur flimkien għall-quddiesa tal-Ħadd. Niftakar li l-Ewwel Tqarbina tas-Subien, kienet issir il-Ħadd filgħodu fl-Oratorju. Is-sawma ta' qable kienet stretta, anqas qatra ilma biss ma setgħet tittieħed qabel it-tqarbina. Dak iż-żmien kien jinżamm l-ispirtu ta' meta t-tifel ikollu f'moħħu l-ewwel Tqarbina aktar mill-libsa u l-festin li qed isiru fi żmienna. It-tfal kellhom moħħhom wisq anqas imxerred fuq xinxilli, minn dak tat-tfal ta' żmienna. Matul il-jum, it-tfal kienu jittieħdu minn tal-famlija għar-ritratt li aktarx kien ikun għand il-fotografu Cassar tal-Ħamrun. Il-Griżma ta' l-Isqof kienet issir il-Parroċċa. Irċevejt dan is-Sagrament mill-Arċisqof ta' Malta Dom Mawru Caruana O.S.B. fl-1934. Għall-kbar, kull kappillan kien obbligat li kull nhar ta' Ħadd filgħaxija jagħmel nofs siegħa katekiżmu. Ġieli kien isir forma ta' disputa bejn il-kappillan u ieħor.

## Rikreazzjoni

Niftakar li rikreazzjoni onesta kien it-tijatrin fl-Oratorju. Dan kien skond is-sistema ta' Dun Bosco. Il-Kumpannija San Ġinesju kienu jtellgħu drammi u fares mill-aħjar. Ir-rexti fuq il-palk kienu jservu biex l-atturi jidraw jitkellmu bla biża fil-pubbliku. Il-palk kellu mportanza fil-jiem tal-Karnival meta lilna t-tfal kienu jżommuna miġburin u ferħanin. Passatempi barra t-tijatrin, kienu nfetħu t-talkies ir-Roxy, il-Prince u warajh il-Metropole; dejjem f'kompetizzjoni bejniethom, min iġib mingħand ir-renters l-aħjar films. Iżda fl-Oratroju kienet popolari l-passavolanti, il-ballun u logħob ieħor. Fil-jiem tas-sajf il-ġenituri kienu jeħduna l-baħar ngħumu, wara li tkun għaddiet il-festa tal-Madonna Għajnuna ta' l-Insara. Is-Sajf għalina kien uffiċjalment jibda bil-ħġejjeġ ta' San Ġwann (24 ta' Ġunju). It-tfal u kbar kienu jirsistu jorganizzaw ħġejjeġ, bħal dik tal-pjazza quddiem Għar il-Ġobon, quddiem il-garaxx tal-mechanic Francis Buhagiar, fejn missieru Carmelo kien iżamma l-karozza ħamra tal-linja ta' Birkirkara. It-tfal u ż-żgħażagħ ma kenux jiddejqu mill-pulizija Leli Galea u Giuseppe Cossal, li kienu joqgħodu f'dik in-naħa. Niftakar tajjeb ċertu żagħżugħ (Anġelo Calleja igħajat: ixħtuni fil-ħuġġieġa, ħalli nibqa' nissemma. It-tfal jirsistu li jżida li jżidu materjal biex il-ħuġġieġa tivvampja.

Iżda mhux rikreazzjoni weħidha. Jekk isiru l-prietki ta' ġimgħa Eżerċizzi Spiritwali fir-Randan għalina t-fal, erħilu l-predikatur jirrakkonta l-istejjer biex isaħħaħ it-tagħlim li jagħti u t-tfal b'pika bejniethom biex jiftakru u meta jmorru d-dar jiktbuhom biex wara jingħataw diversi premijiet, li uħued għadhom japprezzaw sa xjuħithom. Numru minn hom li kienu juru ċerta ħajra kienu jiġu.

Iżda mhux rikreazzjoni weħida. Jekk isiru l-prietki ta' ġimgħa Eserċizzi Spiritwali fir-Randan għalina t-tfal, erħilu l-predikatur jirrakkonta l-istejjer biex isaħħaħ it-tagħlim li jagħti u t-tfal b'pika bejniethom biex jiftakru u meta jmorru d-dar jiktbuhom biex wara jingħataw diversi premjijiet li uħud għadhom apprezzaw sa xjutihom. Numru minnhom li kienu juru ċertu ħajra kienu jiġu

mdaħħla abbatini u b'eżatezza kbira kienu jwettqu s-servizii liturġiċi bi premura kbira. Nhar ta' Ħadd filgħaxijar Dun Wistin Grech mssp kien jagħmel lezzjonijiet tal-katekiżmu għat-tfal. Dan il-qassis fost oħrajn, iħossu li nfluwenzani ħafna fil-vokazzjoi tiegħi. Iqar mill-Awstralja, hu baqa' jikkorrispondi miegħti, b'dik il-kelma favur il-vera għażla tajba, fil-mixja tiegħi lejn is-saċerdozju. Niftakar ukoll id-Direttur ta' qablu, Dun Mikiel Callus, qassis ta' dixxiplina u qdusija. Fi żmienu kien hemm l-aspiranti ta' l-mssp għas-saċerdozju, fosthom Fr. Edward Bezzina li sar Dumnikan u Fr. F. Attard li sar Franġiskan. Huma kienu jmorru jistudjaw fil-Kulleġġ S. Alwiġi.

## Il-kura spiritwali lill-parruċċani

Fi żmien meta l-moribondi kienu jitqarbnu b'mod solenni u jingħataw l-aħħar sagramenti fi djarhom. Is-Sagristan b'tokki magħżula ta' qanpiena jagħmel sinjal għall-Vjatku. It-tfal kien ikollhom fanal apposta u kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni li fiha jkun hemm il-qassis taħt umbrella bajda merfugħa minn fratell u jġorr is-Santissimu u ż-żejt tal-Griżma. Abbati fuq quddiem, kien iżomm speċi ta' girandola fejn jitpoġġa Ġesu Ostja sakemm il-qassis jidlek il-moribond biż-żejt imqaddes wara li jkun sema' l-qrara tiegħu. Jekk ikun id-dlam, in-nies kienu joħorġu jilqgħu lil Ġesu għaddej bid-dawl tal-lampa tal-pitrolju f'idejhom. Diversi nies kienu jmorru warajhom biex jitolbu għall-bżonnijiet ta' dik ir-ruħ li tinsab fl-aħħar taqbida tal-ħajja. Illum qed isir aktar tqarbin ta' spiss b'mod privat f'dar il-marid.

Il-Magħmudijiet kienu jsiru mill-aktar fis wara li titwieled it-tarbija. L-omm ma kenitx tattendi. Erħilhom joħorġu mid-dar il-missier it-tarbija l-parriniet, ir-reffiegħa (aktarx Mary Francalaza) u l-majjistra Maria Zammit). Imorru bil-mixi sal-knisja u wara li l-qassis jirreġistra d-dettalji dwar it-tarbija, igħammidha. Iċ-ċerimonja kienet issir wara l-bieb ewlieni fejn illum hemm il-fonti. Billi spiss kienu jmutu trabi wara t-twelid, spiss kienu jsiru funerali bit-tebu ċkejken abjad merfugħ minn erbat itfal b'xemgħa f'idejhom. Is-sagristan kien jagħmel sinjal bil-qanpiena li tissejjaħ glorja. L-għarajjes ukoll kienu jinżlu bil-mixi minn djarhom sal-knisja akkumpanjati minn nieshom u l-hekk imsejħa ħaddara. Il-kunsens kien isir fil-knisja u l-jum ta' wara kienu jattendu għal quddiesa apposta għalihom il-jum ta' wara.

Għadni ngħożż tifkiriet sbieħ ta' meta kien isir fil-Parroċċa tagħna t-tluq ta' missjunarji Ġeswiti għall-Indja; wara konferenza fuq is-sejħa missjunarja, aħna konna noħorġu nbusulhom riġlejhom. Niftakar it-tluq għall-Indja ta' Patri Ivo Laferla, Ġiġi Sammut u tant oħrajn. L-istess meta nfetħet l-emigrazzjoni għall-Awstralja, membri ta' l-MSSP kienu jmorru bħala Welfare Officers ma' l-emigranti tul il-vjaġġ li kien idum madwar xahar. L-ewwel qassis magħżul jakkompanja grupp ta' maltin emigranti, liebes il-clergy kien Dun Wistin Grech, il-pijunier tal-missjunarji ta' Monsinjur Depiro fl-Awstralja. Warajh kienu marru oħrajn bħala welfare officers waqt il-vjaġġ. Fl-Awstralja dawn kienu jkunu ta' għajnuna kbira għall-maltin emigranti, li kienu ġodda f'dak il-kontinent immens.

F'din il-kitba mhux beħsiebni nikteb dwar il-kura spiritwali tal-popolazzjoni ta' Birkirkara miżgħuda bir-rifuġjati, li waslu minn divesi nħawi ta' madwar il-port u Sliema. Hawn għandu mertu kbir il-Prepostu Emanuel Vella li għaraf jikkoordina tant ħidma bil-kooperazzjoni tal-kanonċi sħabu u ta' tant qassisin li kienu rifuġjati nfushom.

## C. Ċelebrazzjoni tal-Festi

Għall-mistoqsija x'niftakar dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' Sant' Elena bħala titular tal-Kolleġġjata Elenjana, fejn għammidni l-Kan Dun Gilielmu Grech Ellul, ma niftakar xejn għajr li f'jum it-18 ta' Awissu kienet issir purċissjoni filgħodu mingħajr statwa u wara titqaddes quddiesa kantat minn wieħed mill-kanonċi, aktarx kien ikun Dun Kustanz Muscat. Illum li sirt naf aħjar, naf għaliex. Għalkemm fi żmien il-gwerra inqatgħu il-festi kullimkien, f'Birkirkara minħabba raġunijiet storiċi ġuridiċi, konessi ma soppressjoni ta' ċerti privileġġi, il-festi reliġjużi ta' barra ma baqgħux isiru. Dan dam hekk sal-1950. Iżda niftakar li fl-eqqel tal-gwerra fl-1943, xahar qabel il-mewt tal-Kanonku Dun Alfons Borg (14/5/43) kienet saret wegħda pubblika mill-Kapitlu u kkonfirmata

mill-poplu li jekk it-tempju elenjan ma jitmisx mill-attakki mill-ajru, isiru ħames quddisiet b'radd il-ħajr u proċessjoni bir-Relikwija ta' Sta. Elena sas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba, titkanta l-Antifona, issir siegħa Adorazzjoni, kant ta' Te Deum u Barka Sagramentali. Naħseb li dan kien pass għaqli wara t-traġedja tat-time bomb, (waħda mit-tlieta li twaddbu mill-ajruplani u ta' l-għadu) ftit metri bogħod mill-knisja fil-lejl tat-30 ta' Lulju 1942 u meta splodiet fis-6.45 am l-għada ħalliet bosta vittmi. Dak il-ħin niftakar li kont nisma' l-quddiesa fl-Oratorju, fejn kien iqaddes ukoll Patri Scalpello OFM. Il-purċissjoni tal-wegħda sas-Santwarju tal-Ħerba baqgħet issir għal bosta snin wara l-Għid il-Kbir. insemmi wkoll fi żmien l-attakki mill-ajru, kienu ħarġu l-istatwa ta' S. Elena taħt il-ħnejja tan-navata ċentrali biex il-qaddisa tħarisna lkoll.

Il-purċissjoni wegħda, inqatgħet ma' dawk il-proċessjonijiet tar-Rogazzjonijiet u ta' nhar il-festa ta' San Mark, meta ċ-ċelebrant kien jieqaf fuq iz-zuntier tal-knisja filjali ta' S. Antnin u jbierek l-irjieħ... Balal oħra waqgħu fl-inħawi tal-Knisja tal-Vitorja fejn meitu diversi nies u qrib Oscar Bakery f'Msida Street. Niftakar ukoll li l-Kapitlu flimkien ma' l-Abbatini kienu jitilgħu bil-karozza għas-Santwarju tal-Madonna tal-Minsija u jiċċelebraw il-festa tal-Lunzjata (25 ta' Marzu) u ta' San Anard, f'Novembru. Dak iż-żmien il-Bażilika ma kellhiex dawk it-toroq tal-ġnub, Triq is-Santwarju u Triq Mike Pulis. Fejn illum hemm iċ-Ċentru S. Elena, kien hemm il-barriera li fiha kieun joqgħodu l-familja Sciberras qabel emigraw l-Awstralja'. Warakien sar il-pitch tal-Klabb tal-boċċi, qabel seħħ il-proġett, tant maħsub u mixtieq snin qabel, ta' Ċentru Parrokkjali li jiġbor fih diversi ħidmiet u attivitajiet oħra personali.

## D Il-Pjazza ewlenija quddiem il-Bażilika

Fil-pjazza tal-knisja kien hemm bosta ħwienet tal-kafe', confectioneries, restaurant (Lorenzo Grima) u l-barbiera Fredu Testa u missieru Ġużeppi, lil Vanni u lil Ġiju Borg li kienu armati fir-rokna li llum hemm Triq is-Santwarju. Il-barbiera kienu jaħdmu ukoll il-Ħdud filgħod għall-kumdita' tal-klijenti tagħhom, li kienu jinqdew kemm biex iqaxxrulhom il-leħja kif ukoll għall-qtugħ tax-xagħar. Kien hemm ukoll ħwienet tal-ħwejjeġ J. Vella (ta' Sufinu) u Censu u Anni Sciberras (ta' Dutrina). Fil-pjazza kienhemm ukoll it-terminus tal-karozzi lewn aħdar li jwasslu sa San Ġiljan. Fil-Ħdud kien jintrama suq u fost persuni oħra, niftakar ibiegħu lil Gius Grech (Elija) u lil Agius li mingħandu, ċertu Pawlu Parlar, evakwat hawn fil-gwerra kien xtara xi pjanti u meta mar iħawwilhom fil-ġnien tad-dar fi Triq San Ġiljan, laqat termos, jew anti-personnel bomb u tertqitu.

## E Aktar dwar logħob u drawwiet

Dwar dak li hu logħob, il-bniet kienu jilgħabu biż-żibeġ u bil-pupa waqt li ġenituri ta' tfajliet bravi kienu jħajruhom jitgħallmu jaħdmu bizzilla, knitting u ħjata. Is-subien kellhom namra kbira għall-ballun, ukoll jekk ikun wieħed taċ-ċaruta. Uħud minnhom kienu jilgħabu l-boċċi. Barra n-namra ta' l-insib bit-trabokki, xi fatt ftit fuq tagħhom kienu jagħmlu l-vleġġa, zokk ta' siġra għamla ta' Y bil-lastiku u biċċa ġilda fin-nofs. Din kienet tassew perikoluża u permezz ta' ġebel u ballastri erħilhom jisparaw fuq għasafar u ħwejjeġ oħra. Niftakar li tfajjel kien laqat għajn ta' ħaddieħor u faqgħalu għajnu għal-għomru. Diversi kienu jidħlu ma li Scouts b'dik l-uniformi tassew attraenti. Bħala passatemp ieħor, xi tfal kienu jġemmgħu il-kupuni li kien ikun hemm fiċ-ċikkulata tan-Nestle u tal-Bristol. Kien ikun hemm ukoll daw, bl-istemmi tal-kunjomijiet. Niftakar ukoll is-santi fil-qratas tal-kafe' u taċ-ċikwejra, stampati fuq karta aktarx ħamranija. Fil-jiem tal-bluħa tal-Karnival erħilhom jilbsu ta' maskarati u jxiddu kull xorta ta' lbies, xkejjer, żraben qodma u l-bqija. Mal-lejl kien hemm min jixħet liżar abjad igeżwru tajjeb miegħu u fid-dlam tal-lejl, joħroġ mat-toroq idoqq qanpiena b'idu. Iżda d-daqq tal-qanpiena ifakkarni fid-drawwa sabiħa li Ġanni Sammut (ta' Blatu) u Gio Maria Debono (Iż-Żir) kienu jinkarigaw tfal u kienu jirreċtaw ir-Rużarju fit-toroq, kemm fis-Sajf kif ukol fix-Xitwa, f'toroq li kienu wisq aktar siekta minn ta' llum.

## Il-perijodu tal-gwerra

Il-gwerra dinjija wkoll ħalliet tifkiriet fuq it-tfal. Uħud sefgħu vittma ta' oġġetti perikolużi li pprovaw

jifthu u mmankawhom jew qatluhom. Billi spiss konna naraw suldati jimmarċaw fit-toroq tagħna, it-tfal kienu jilgħabu ta' suldati bħal ma kienu jaraw. Xi żjara bil-moħbi lejn il-fortizza tal-Qroqq fejn illum hemm l-Universita' ta' Malta u lejn il-post tas-searchlight fi Sqaq is-Salib, illum okkupat mill-isptar il-gdid ma kenux jonqsu. Kien svantaġġ meta kellhom jingħalqu l-iskejjel fil-perijodu talgwerra u dawk il-ftit li rnexxielhom jissejħu biex ikomplu l-lezzjonijiet f'postijiet ta' emerġenza, waqt attakki mill-ajru kienu jittieħdu jistkennu f'xi post maħsub aktar żgur. Il-Bażilika tagħna laqgħet xi klassijiet ta' l-iskola fis-sala kapitulari wkoll. Quddiem il-bibien ewlenin tal-parroċċa kienu nbnew tlett ħitan tad-dobblu bi spazju kemm jgħaddi bniedem. L-istess ġebel intuża wara l-gwerra biex jinbena l-maħżen ta' l-armar fi Triq S. Elena. Bil-blast tal-bombi kien jitkisser bosta ħġieġ tat-twieqi. Kienet mossa għaqlija li l-istaned window ta' Kristu Re tal-faċċatat tal-Bażilika ġiet maqlugħa biex tiġi salvata u tintuża mill-ġdid wara l-gwerra. Il-qniepen ma kienux jintużaw jekk mhux biex jagħmlu sinjal li l-periklu ta' l-attakki mill-ajru kienu ntemmu, u spiċċa l-periklu li s-shrapners kollha waqgħu fl-art. L-użu tas-sirena raiders past kien ifisser li telqu l-ajruplani ta' l-għadu jferrgħu il-bombi.

**Ħtiġijiet oħra.**

La biros anqas fountain pens u anqas kotba ġodda ma kotn issib. It-tfal kienu jużaw it-tokka bil-pinna u l-karta xuga (assiuga) bil-klamari taċ-ċomb imwaħħla fil-bankijiet u t-tfajjel li jimlihom bil-linka kull filgħodu. Il-qawl igħid li "necessity is the mother of invention" veru li t-tfal kienu inventivi fl-oġġetti tal-logħob. Fl-eqqel tal-gwerra (1942) kelli nidħol fit-tieni klassi tas-seminarju l-Furjana. Lura, wara li jintemmu l-lezzjonijiet, kien ikollna naslu d-dar bil-mixi. Kien ikollna ninżlu spiss fis-shelters. Għadnin niftakar meta wara attakk mill-ajru rnexxielu jidħol fil-Port il-Kbir il-vapur nofsu mgħarraq it-Talbot li kien ukoll mgħobbi bil-qamħ u bil-bombi. L-ispettur Scalpello, (li kellu ibnu patri franġiskan ta' Ġiesu), sibnih fejn il-Knisja ta' Sarrija u jagħmlilna premura biex inħaffu mmorru lura lejn id-dar, minħabba biża' li l-vapur seta' jisplodi u jagħmel bosta ħsarat. Darba minnhom waqt raid, infaqgħet il-ġiebja li kien hemm taħt il-bitħa tas-Seminarju u aħna konna hemm. Jiem wara kienu ttasferew il-klassijiet fl-iskola Primarja ta' San Ġorġ Qormi. Kien hemm perijodu qasir meta l-klassijiet tas-Seminarju waqfu u l-għalliema kienu jibgħatula xogħol biex naħdmuh f'dar ta' xi ħadd minna. Niftakar li konna niltaqgħu fid-dar tal-kanonku Dun Manwel Grech, akbar minn fl-eta' u fil-klassi ta' l-iskola li qabel ma kompla l-istudju għas-saċerdozju kien ħaddiem id-Dockyard.

Meta bdew jitħaffru s-shelters privati fil-blat permezz ta' baqquniera li kienu jużaw għodod primitivi, mhux il-kompressur ta' llum iżda bqaqen, spnajjar, ċapep u mazzez, it-tfal bdew ifittxu li jagħmlu għodod ċkejkna ta' din ix-xorta, biex jimitaw il-kbar. Kienu jagħmlu wkoll mudelli ta' ajruplani, kanuni u bastimenti tal-gwerra.

Dwar passatemp ieħor għat-tfal, inkluż l-insib bit-trabokk għal xi għasafar, xi ħarġa fil-kampanja fosthom il-blat ta' Sant'Andrija fejn hemm il-cart tracks uf ejn kienu jinqabdu ż-żrinġijiet, tfal oħrajn erħilhom jarmaw l-iscooters u jsuquhom fit-toroq tagħna. Uħud aktar inġenjużi kienu jaħdmu l-arkett u jaħdmu oġġetti ta' tiżjin u preġju. B'biċċiet tal-majka jew aluminjum, xi biċċiet minn ajruplani mġarrfa, kienu jagħmlu wkoll xi ċrieket. Qrib tmiem il-gwerra niftakar li kien hawn xi priġunieri ġermaniżi qabel il-ħelsien tagħhom, u kienu jinżlu minn St. Andrews fejn kienu jinżammu, u jbiegħu xi xogħlijiet maħduma mill-ġebla maltija bħal shrines jew jewel boxes u jibgħatu flus lil nieshom.

Biex inkunu semmejnihom biss, bosta kienu dilettanti ta' mudelli ta' knejjes u artali, delizzju li fi żmienna reġa ħa l-ħajja u li tant qed ikun mgħallem b'mod professjonali mill-Għaqda tad-Dilettanti tal-Knejjes. Il-presepji kienu wisq popolari u kiwnu jinbnew permezz ta' faħam maħruq magħruf bħala gagazza pasturi tat-tafal, uħud tassew artistiċi li għadhom jiswew sa llum.

**Il-Black out matul il-lejl**

Fi żmien il-gwerra, meta fl-iljieli kellu jinzamm dlam perfett, niftakar li l-karozzi kellhom iżommu

l-fanali ta' quddiem, mgħottija kważi għal kollox; it-trucks kienu jkunu camouflaged qishom bosk. Allaħares jiġi mħolli dawl jixref minn tieqa, u mal-lejl, il-poplu kien mitlub iżomm ruħu f'daru. Iżda fil-knisja, bit-twieqi kollha mgħottijin, baqgħu isiru s-servizzi reliġjużi kollha. Niftakar il-kanonku Dekan Dun Ġużepp Micallef tiela' l-knisja fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, u f'idejh kien iżomm fanal b'dawl inemnem biex jara jimxi. Niftakar li fi żmien il-gwerra, il-Papa Piju XII tana permess biex lejlet il-Milied il-Quddiesa ta' bil-lejl bil-prietka tat-tifel, setgħet issir fl-4.00 pm u s-sawma kienet ridotta għal tlett sigħat biss. Niftakar lis-Sagristan ta' l-Oratorju, Ġanni Buttiġieġ permezz ta' mqass jaqsam kull ostja fi tnejn qabel jiġu kkonsagrati.

## F Ir-Rifuġjati ta' żmien l-attakki mill-ajru

Birkirkara kienet miżgħuda bir-rifuġjati, fosthom bosta saċerdoti fejn sabu kenn fi djar privati, każini u postijiet oħra pubbliċi. Kien fi żmien l-eqqel attakki mill-ajru, meta dawn ħallew djarhom b'ta' fuqhom senduqhom. Kienu jġibulek ħasra dawk is-sriebet ta' ruġjati jaslu Birkirkara, iħabbtu l-bibien jittalbu kenn. Niftakar li wara l-bibien tad-djar kienu jagħmlu sinjal/li ta' salbi tal-kavallieri lewn aħmar, biex juru li f'dik id-dar hemm nies rifuġjati. Fil-Bażilika tagħna nżammet ix-xbiha ta' Marija Bambina u l-istatwa mirakoluża ta' Ġesu Redentur ta' l-Isla. Barra oġġetti oħra mill-Kolleġġjata tagħna laqgħet ukoll l-Immakulata u x-xbiha tagħha tant meqjuma fil-Kolleġġjata ta' Bormla. Fuq dan is-suġett hemm bosta tifkiriet ta' min jikteb aktar dwarhom.

## G Tifkiriet oħra ta' l-Imgħoddi

Niftakar il-bejgħ tal-ħalib tal-mogħoż fit-toroq bil-meħliet u r-raħħal. Meta jkun il-maltemp, ir-raħħal kien iġib il-ħalib fil-ġarra iħabbat il-bibien. Niftakar ukoll id-dwal tat-toroq bil-lampi fil-fanali, li jinxtegħlu kull filgħaxija minn persuna iġġorr sellum fuq spallejh u jintfew mas-sebħ. Isem ir-raġel li niftakar kien Salvu Xuereb (il-Pajs). Kien hawn il-kaxxi tad-daqq, li jdoqqu diski u kull darba titbiddel il-labra; it-terrimaxka waħda minnhom bil-ballerini jduru fuq il-quċċata tagħha.

L-iskarpan kien isew wkoll xi żraben jew qrieq li kienu jistgħu itawlu ħajjithom. Kienu jeżistu skrapan gwappi li erħilhom iħejju żraben għall-għarajjes. Kien hemm ukoll min jispeċjalizza fil-kpiepel mhux biss tat-tiġijiet iżda wkoll għal użu ieħor. Hekk ukoll il-landier li kien iġorr l-għodda kollha, jintefa' f'rokna u erħilu jsewwi buqari u oġġetti oħra billi jagħmlilhom qigħan ġodda. Il-bejjiegħa tal-ħut, tar-rizzi u mħar, tal-bigilla u tal-ġelati, tal-qassatat u l-imqaret, tal-ġwies, tal-faħam tal-kannol għall-kwiener u aktar tard tal-pitrolju, kienu jduru mat-toroq. Ma kienx jonqos ta' l-ilma żagħar (mibjugħ minn Piju) tal-karawett u tal-qastan, taż-żebbuġ bl-immarinat, kif ukoll kien jiġi jbiegħ tal-likumja u l-ħabbażież, u kultant xi ħasira tal-qasab. Fi Sqaq Dun Vestru kien hemm il-familja Agius taċ-Ċaċu li kienu jispeċjalizzaw fix-xogħol tal-ġummar. Xtaqt kieku nsemmi dwar ix-xogħol tal-fuħħar, li ftit niftakar dwaru, jekk mhux dawk ta' Sqaq Ganu li kienu jaħdmu msiebaħ, bombli għall-ilma frisk u qsari. Sa ftit snin ilu, kien għad jeżisti l-forn ta' fejn kien jinħema l-fuħħar. Fl-imgħoddi kien hemm id-drawwa li n-nies jieħdu għand il-furnara l-ikel tagħhom biex jinħema fil-forn. Kien aktarx ikun l-iken prinċipali tal-Ħdud, imqarrun, torti, patata l-forn bil-laħam kejkijiet eċċ. Fil-perijodu tar-Randan kienu aktarx jibqgħu lura wara l-Giovedi' grass li jiġi qabel Ras ir-Randa. Ir-Randan kien żmien ta' sawn u ma jistax jittiekel laħam. Kienu jużaw l-espressjoni "magru strett" i.e. ma jeħdux laħam, bajd u ħalib.

## Il-Qari ta' kotba u tifkiriet oħra

In-nies kienu jħobbu jaqraw ukoll. Ġeneralment kull min kien jaf jaqra kien ikollu l-ktieb tal-knisja li kien jieħdu miegħu kull darba biex jgħinu fit-talb. Kien hawn ukoll kotba ta' qari tar-ruħ. F'dak li hu qari ieħor, niftakar li kienu jiġu uħud li kienu jabbonaw lil diversi, f'kotba li kienu joħorġu f'faxxikli. Niftakar lil ċertu Karmnu jiġi jbiegħ il-gazzetta il-Berqa. Meta kien jiġri xi delitt erħilu lil Fonzu Bonello (Bagħbaż) jikkomponi poeżija twila bid-dettalji kollha. Ma nixtieqx inħalli barra lil Reġin Buħagiar li kellha makna li tinseġ drappiet tas-saqqijiet u ħwejjeġ tal-fustan. Anqas li

ħabel ġdid u jsir quddies b'suffraġju għall-ħati li jtemm ħajtu fuq il-forka. Meta kont seminarista u ħaduna nżuru l-ħabs ta' Kordin, rajna l-forka nfisha, likont tasal fejnha permezz ta' taraġ; il-ħati kien ikun assistit minn saċerdoti u qabel ma jiddendel bil-ħabel minn għonqu kien jilmaħ quddiemu xbiha tal-Madonna Addolorata. Id-difna ta' l-ikkundannat kienet issir fiċ-ċimiterju tal-ħabs, fejn sa ftit żmien ilu, xi nies kienu jmorru jżuruh, billi jingħad li wieħed mill-midfunin (Ninu xkora?) nqatel meta de facto kien bla ħtija. Dan qed ifakkarni f'żewġ delitti li saru nhar Santa Marija f'ħanut fil-kantuniera ta' San Ġwann ta' l-Għargħar. Ta' tifel li kont tant ħallewli memorja kerha, u kull meta ngħaddi minn quddiem dak il-ħanut, niftakar fihom. Konna spiss nisimgħu dwar id-delitt li sar fejn is-Salib, magħruf fostna bil-kliem: *Rajt ma rajtx, smajt ma smajtx.*

## I. Trasport u mezzi oħra ta'għejxien

Biex wieħed jivvjaġġa barra l-karozzi tal-linja bi lwien differenti, kien hawn il-karożżini u l-omnibus, miġbud minn żewġ żeiwmel. Min kien kapaċi kien juża r-rota, inkella riġlejh kien ikollhom jagħmlu tajjeb. Il-mixi kien igħodd ukoll biex wieħed iżomm ruħu f'saħħtu. Veru li l-ikel li kien hawn ma tantx kien inissel il-ħtieġa li wieħed jikkonsma l-kaloriji żejda. Minħabba f'hekk kien komuni l-mard infettiv tal-ħakk (scables) L-ikel kien bir-ration, skond card imqassma lil kull familja skon in-numru u d-daqs tal-persuni. Xi ħwejjeġ oħra wkoll kienu jinxtraw permezz ta' kupuni li jingħataw lill-bejjiegħ mal-ħlas. Niftakar il-Victory Kitchens, imxerda f'bosta nħawi ta' Malta biex ifornu porzjonijiet ta' ikel, skond in-numru ta' kupuni li kienu jinxtraw minn qabel għal kull jum, huma memorji li ma jitħassrux. Meta beda jiskarsa l-ikel, allaħares ma kienx il-convoy ta' Santa Marija, li l-Provvidenza wasslitilna fost sagrifiċċi kbar għal-baħħara tan-Navy. Il-wasla tal-vapuri d-daħla tagħhom fil-Port kienet rebħa għall-Maltin kollha. Il-furnara kienu jagħġnu l-ħobż u miegħu jgħaffġu l-patata biex iservi aktar. Il-prezz tiegħu kellu sussidju qawwi. Kull persuna, kemm jekk mara jew tifel taħt l-14-il sena kein imissu kwar u nofs ħobż li kien iqum sitt ħabbiet jew 5 mils. il-prodotti tar-raba komplew jimlew in-nuqqas tal-ħobż, għalkemm il-gabillotti sabu x-xoqqa f'moxtha. Ħaġa tassew kerha kienet il-black market u s-serq minn bini li jkun iġġarraf. Pieni ma naqsux għal min jinqabad ħati.

## Għeluq

Barra aħbarijiet ta' swied il-qalb, meta konna nisimgħu b'xi għarqa ta' vapuri u battleships li fuqhom ikun hemm baħrin maltin, xi bxara kerha meta uħud minn neisna jkunu nqabdu priġunieri ta' l-għadu, inkella t-telfa ta' ajruplani li jkunu telqu minn Malta jibbumbardjaw, u nisimgħu bit-telfien tagħhom, il-miġja ta' l-ajruplani ġermaniżi Stukas, l-attakk bla ħniena fuq l-aircraft carrier Illustrious sorġuta fil-Port, konna nħossuhom daqqiet iebsa fuq l-għażiża art twelidna. Kien hemm żmien meta l-invażjoni ta' Malta kienet imminenti, iżda l-Mulej ħelisna minn gwaj tassew kbir.

Waqt li hemm bosta tifkiriet oħra li stajt semmejt kieku ftakarthom kollha bid-dettalji tagħhom, inħalli f'idejn ħaddieħor biex permezz ta' riċerka serja jew tifkiriet, miksuba permezz ta' kuntatti ma' min għadu jiftakar u li ma niftakarx jien inkella ma kienx il-każ li nsemmihom, bħal meta jkun inqabad xi bdot ta' l-għadu, inkella xi esperjenza oħra kerha, nistieden lil kull min jaqrahom, isir iħobb aktar il-paċi u jgħożż dak kollu li kien hemm sabiħ u qaddis fi tfulitna li issa għabet.

WEBSITES:

Birkirkara and the Cross: http://malta.co.uk/KHS/crosshtml
Imperatrice venerata a Malta: http://malta.co.uk/KHS/cultoelena.htm
Empress Helen en fete: http://malta.co.uk/KHS/helenfeast.htm
Herba Marian Sanctuary: http://malta.co.uk/KHS/herba
Virginio Monti fresco cycle: file://cyber-1/clients/birkir-1/-WE4729.htm
Patron Saint's Feast Programme: www. geocities.com/sthelenfeastprog
Philarmonic Societies: www. sthelenbc.org